**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IT-TIENI SENA** | **STORJA ĠENERALI** | **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ___________________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima 1 - Ħares sewwa lejn dawn il-fdalijiet Medjevali fil-Gżejjer Maltin u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



**Sors A. Il-Ħaġra ta' Majmuna**



**Sors B. Il-Kappella ta' Ħal Millieri**

1.1 (a) Sors A hu fdal ta' żmien (*il-Biżantini, in-Normanni, il-Lhud*) f'Malta. (1)

(b) Fiż-żmien li sar sors A, f'Malta kienu jgħixu ħafna (*Lhud, pagani, Misilmin*). (1)

(ċ) Xhieda ta' dan hu ċ-ċimiterju fir- _____________ li nstab eżatt wara d-Domus Rumana. (1)

1.2 (a) Sors B juri kappella li nbniet madwar l-(*1000, 1200, 1400*) sena W.K. (1)

(b) Il-binja ta' sors B hi ta' stil (*Klassiku, Medjevali, Modern*). (1)

(ċ) Semmi kappella oħra li nbniet f'dak iż-żmien fil-Gżejjer Maltin.

_________________________________________________________________ (1)

1.3 Liema minn dawn tapplika l-aktar għall-kappelli bħal dik li tidher f'sors B?

(a) kellhom ħafna skultura u lavur fil-ġebla.
(b) kellhom koppla u kampnar.
(ċ) kellhom forma rettangolari u ħitan ħoxnin.
(d) kellhom is-soqfa magħmula mill-konkrit. (1)

1.4 L-aktar fdalijiet Medjevali nstabu bl-ibliet antiki li kienu tlieta. Liema kienu dawn il-bliet?

(a) __________________ (b) __________________ (ċ) __________________ (3)

1.5 B'liema mod kienu mħarsa mill-għadu dawn il-bliet?

_________________________________________________________________ (1)

1.6 Liema għadu kien spiss jaħbat għal Malta f'dak iż-żmien? __________________________ (1)

1.7 X'kienu waqqfu l-Maltin biex jiddefendu ruħhom minn dan l-għadu?

__________________________________________________________________________ (2)

1.8 Raħal Mitluf hu raħal medjevali li ma baqax jeżisti għax kien tbattal għal kollox min-nies. Liema minn dawn l-irħula huma meqjusa bħala **rħula mitlufa**? Agħmel sing taħt it-**tlieta** tajbin.

*Ħal Balzan, Ħal Qadim, Ħal Tigan, Ħal Dragu, Ħal Safi, Ħal Lija* (3)

1.9 Wieħed mill-irħula mitlufa l-aktar magħruf jinsab bejn il-Qrendi u ż-Żurrieq. Minnu baqa' kappella li kienet irrestawrata minn Din l-Art Ħelwa. Għid x'isem kellu dan ir-raħal.

__________________________________________________________________________ (1)

**(Total 18-il marka)**

**Taqsima 2 - Aqra sewwa din is-silta dwar Żmien il-Medjuevu u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

Il-Medjuevu, jew iż-Żmien tan-Nofs, hu ż-żmien bejn il-waqgħa tal-Imperu Ruman u r-Rinaxximent. Żmien il-Medjuevu dam għal madwar elf sena. Fil-Medjuevu għexu ġnus bħall-Vikingi, in-Normanni u l-Biżantini. Seħħew ġrajjiet importanti bħall-Gwerer tal-Kruċjati u l-Pesta s-Sewda. Saru wkoll żviluppi importanti bħall-invenzjoni tal-kumpass, tal-kanuni, u tal-magna tal-istampar. Is-soċjetà kienet titmexxa bis-sistema fewdali fejn kulħadd kien jgħix skond il-livell soċjali li kien jitwieled fih. L-aktar li kienu jgawdu b'din is-sistema kienu n-nobbli u l-aktar li kienu jbatu kienu l-bdiewa.

2.1 Kif kien magħruf ukoll **Żmien il-Medjuevu**. ______________________________ (1)

2.2 Iż-żmien ta' wara l-Medjuevu hu magħruf bħala Żmien ir- ________________. (1)

2.3 Tlieta mill-ġnus li għexu fil-Medjuevu kienu: il- ________________, in- ________________

u l- ____________________. (3)

2.4 Ikteb **tliet** sentenzi dwar dak li taf fuq **wieħed** minn dawn il-ġnus.

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________ (6)

2.5 Semmi **żewġ** ġrajjiet jew skoperti importanti li saru fil-Medjuevu u li jissemmew fis-silta.

____________________  ____________________ (2)

2.6 (a) B'liema sistema kienet titmexxa s-soċjetà fil-Medjuevu? ____________________ (1)

(b) Min kien igawdi l-aktar b'din is-sistema? ____________________ (1)

(ċ) Min kien ibati l-aktar b'din is-sistema? ____________________ (1)

**(Total 16-il marka)**

**Taqsima 3 – Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwar it-tmexxija ta' Malta fil-Medjuevu.**



**Sors Ċ. Federiku II**



**Sors D. Il-bliet imdawrin bis-swar**

3.1 Fil-Medjuevu Malta kienet titmexxa minn **tnejn** minn dawn. Agħmel sing taħt it-tajbin.

(a) *ir-re Ruġġieru II* (b) *is-Sultan Saladin* (ċ) *l-Imperatur Federiku II* (d) *l-Abbati Ġilbertu* (2)

3.2 L-Anġuvini kienu (*Spanjoli, Griegi, Franċiżi*) filwaqt li l-Aragoniżi kienu (*Taljani, Ġermaniżi, Spanjoli*). (2)

3.3 Il-Gżejjer Maltin intrebħu mill- ____________________ wara battalja bix-xwieni kontra l-Anġuvini li saret fil-Port il-Kbir fl-1283. (1)

3.4 Taħt il-ħakma ta' l-Aragoniżi, il-Gżejjer Maltin kienu mmexxija mill- (*Isqof, Konti, Viċirè*) ta' Sqallija li kellu l-palazz f'(*Ruma, Palermo, Pariġi).* (2)

3.5 Il-kap tal-Gvern Malti fi żmien l-Aragoniżi kien (*is-Sindku, il-Ħakem, il-Gran Mastru*). (1)

3.6 Kien hemm żewġ ġemgħat tal-Gvern Malti: Il-Komun u l- ____________________(1)

3.7 Imla l-vojt f'din is-silta b'xi kliem mogħti hawn taħt. **Tlieta** minnhom mhumiex tajbin.

*Notabile, Cardona, Monroy, rvell, skudi, Fonzu V, fjorin, nobbli, Vittoriosa* (6)

> F'dak iż-żmien is-sultan kien beda jikri l-Gżejjer Maltin lil____________ fewdatarji barranin. Wieħed minn dawn kien Gonsalvo __________________. Fl-1427 il-Maltin għamlu __________ kontrih. Biex jeħilsu mit-tmexxija tiegħu, il-Maltin kellhom jiġbru 30,000 elf ____________ tal-fidda. Is-sultan ______________ reġa' ħa l-Gżejjer taħt it-tmexxija tiegħu. Lill-Imdina taha l-isem ta' Città ______________.

**(Total 15-il marka)**

**Taqsima 4 - L-Istorja ta' l-Ordni ta' San Ġwann.**



**Sors E. Il-Gran Mastru dieħel l-Imdina**




**Sors F. Mappa tal-1530 tal-Gżejjer Maltin**

4.1 Ikteb **veru** jew **falz** għal dawn is-sentenzi dwar l-istorja tal-Kavallieri ta' San Ġwann. (6)

| | | **Veru/Falz** |
|---|---|---|
| (a) | L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann bdiet fl-Art Imqaddsa. | |
| (b) | L-ewwel Kavallieri kienu jilbsu l-libsa tal-Patrijiet Benedittini. | |
| (ċ) | Il-mexxej tal-Kavallieri kienu jissejjaħ Kanċillier. | |
| (d) | Il-Kavallieri kienu jgħinu lis-suldati Nsara fl-Art Imqaddsa kontra t-Torok. | |
| (e) | Qabel ġew Malta, il-Kavallieri kienu joqogħdu fi Kreta. | |
| (f) | L-Assedju l-Kbir seħħ fl-1551. | |

4.2 Il-Kavallieri ta' San Ġwann ġew Malta fl- (*1500*, *1530*, *1560*, *1600*). (1)

4.3 L-Imperatur (*Federiku, Karlu, Fonzu, Ferdinandu*) V tahom il-Gżejjer Maltin bħala fewdu. (1)

4.4 Fl-ewwel snin tagħhom f'Malta, il-Kavallieri marru joqogħdu l- ____________________. (1)

4.5 Huma għażlu dan il-post għax ____________________________________________ (2)

4.6 Huma ma għażlux li jmorru joqogħdu l- _________________ għax ________________

______________________________________________________________________(1,2)

4.7 Għall-ewwel li ġew, il-Kavallieri ma ridux jibqgħu joqogħdu fil-Gżejjer Maltin għax

______________________________________________________________________ (2)

**(Total 16-il marka)**

**Taqsima 5 - Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar l-Istorja tal-Ewropa fil-Medjuevu.**

5.1 (a) Liema ġens fil-Medjuevu kien juża xwieni bħal dan ta' Sors Ġ?

______________________________ (1)

(b) X'użu kienu jagħmlu minnhom? Semmi **tnejn**.

______________________________

______________________________ (2)



**Sors Ġ. Kif kien xini fis-sena 1000 W.K.**

5.2 Sors G u GĦ huma dwar in-Normanni.



**Sors G. Stampa ta' suldati Normanni**



**Sors GĦ. Parti mit-Tapizzerija ta' Bayeux**

(a) Liema sors huwa **primarju** u liema huwa **sekondarju**.

______________________________________________________________________(2)

(b) Iddeksrivi dak li qed tara jiġri fiż-żewġ sorsi.

______________________________________________________________________ (1)

(ċ) Liema minn sors G u GĦ hu l-aktar importanti għall-istoriku? __________________ (1)

(d) Għid għaliex. ____________________________________________________ (1)

5.3 (a) Sors Ħ juri ____________________ ta' żmien
il-Medjuevu li bħalu kien hemm ħafna fl-Ewropa. (1)




**Sors Ħ**

(b) Min kien jgħix f'bini bħal dan?

____________________________________________ (1)

(ċ) Liema ġens fil-Medjuevu bena ħafna bħalhom
fl-Ewropa? Agħmel sing taħt it-tajba.

(*il-Barbari, il-Vikingi, l-Għarab, in-Normanni*) (1)



**Sors H. Bdiewa fil-Medjuevu**



**Sors I. Sultan fuq it-tron fil-Medjuevu.**

5.4 (a) Sors H u sors I huma dwar is-sistema ______________________ fl-Ewropa Medjevali (1)

(b) Sors H juri ____________________ qed jaħdmu l-għelieqi. (1)

(ċ) Semmi **dmir** li n-nies ta' sors H kellhom taħt din is-sistema.

____________________________________________________________________________ (2)

(d) Sors I juri ____________________ fuq it-tron imdawwar bil-kunsilliera tiegħu. (1)

(e) Semmi **jedd** li kellu dan taħt din is-sistema. ___________________________________ (1)

5.5 Sors J juri suldati tal-**Kruċjati**.



**Sors J**

(a) Kif kienu jintgħarfu li kienu Kruċjati?

_________________________________________________ (1)

(b) Fejn kienu jiġġieldu l-aktar il-Kruċjati?

_________________________________________________ (1)

(ċ) Min kien l-akbar għadu tas-suldati Nsara?

_________________________________________________ (1)

**(Total 20 marka)**

**Taqsima 6 - Ikteb paragrafu ta' madwar tmien sentenzi dwar WIEĦED minn dawn it-temi.**



6.2 Immaġina li int ċittadin Malti tgħix fil-Medjuevu. Kif kont tiddeskrivi pajjiżek f'dak iż-żmien. Tista' tikteb dwar il-bliet, l-irħula, id-difiża, it-tmexxija, ix-xogħlijiet u t-twemmin tal-Maltin ta' dak iż-żmien.



6.1 Il-Kruċjati kienu gwerer importanti fil-Medjuevu. Ikteb dwarhom. Tista' ssemmi kif bdew, fejn sar il-ġlied, kontra min sar il-ġlied u x'kienu l-effetti tagħhom.



6.5 X'kien ir-Rinaxximent? Fejn beda u kif infirex fl-Ewropa? Xi progress sar permezz tar-Rinaxximent?



6.3 La Valette mexxa lill-Kavallieri matul l-Assedju l-Kbir. Għaliex it-Torok attakkaw lil Malta? Ikteb dak li taf fuq dak li ġara fl-Assedju.

**(Total 15-il marka)**

**(TOTAL 100 marka)**